**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 2730**

Kaz Nru: 3509/JD

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Malta Union of Bank Employees
(MUBE)

u

Bank of Valletta
(BOV)

*dwar: allegat nuqqas ta' effett skont il-Ligi lill-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv fir-rigward ta' trattament ta' impjegat is-Sur Mario Farrugia*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Membri: Is-Sur Chris Attard u s-Sinjura Antoinette Caruana**

**Nhar il-Hamis 6 ta' Mejju, 2021**

## Ir-Risposta Ulterjuri

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2020 is-Socjeta` Ntimata talbet lit-Tribunal, li laqa' t-talba, biex taghmel risposta ulterjuri li permezz taghha teccepixxi n-nuqqas ta' interess guridiku tar-Rikorrenti peress illi r-Rikorrenti hadet ir-rizultat mitlub minnha fil-Kawza qabel ma giet inizjalata l-istess Kawza u ghaldaqstant is-Socjeta` ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. It-Tribunal ircieva t-tali risposta ulterjuri nhar it-30 ta' Jannar 2020.

Is-Socjeta` argumentat illi l-kaz specifiku li dwaru r-Rikorrenti kkontendiet li kkostitwixxa ksur tal-Ftehim Kollettiv kien accettat, u dan minghajr riserva, mill-impjegat koncernat, is-Sur Mario Farrugia, u dan fl-2012. Barra minn hekk, ir-rapprezentant tar-Rikorrenti fuq il-*Job Evaluation Panel* illi stabilixxa l-grad illi kien qed jokkupa s-Sur Farrugia kien qabel mat-tali *grading*.

Fit-trattazzjoni taghha s-Socjeta` sostniet illi ghaldaqstant ir-Rikorrenti ma kellhiex interess attwali, u ghalhekk, ma kellhiex interess guridiku. L-assenza ta' nteress guridiku kien ikkonfermat billi r-Rikorrenti la kellha nteress dirett u l-anqas ma seta' jkollha vantagg jew utilita` jekk tirbah il-Kawza, peress illi t-talbiet taghha lit-Tribunal kienu biss a favur ta' impjegat, is-Sur Mario Farrugia.

**Is-Sottomissjoni tar-Rikorrenti**

Ir-Rikorrenti ssottomettiet illi a) il-fatti li fuqhom is-Socjeta` kienet qed isserrah ir-risposta ulterjuri kienu maghrufa mis-Socjeta` qabel ma nbdew il-proceduri tal-Kaz, b) ir-rapprezentant tar-Rikorrenti fuq il-*panel* tal-*Job Evaluation* kien f'vesti ta' osservatur, u ghaldaqstant ma setax jinfluwixxi l-andament u wisq anqas ir-rizultat tal-ezercizzju tal-*Job Evaluation,* u c) l-ezercizzju tal-*Job Evaluation* kien dwar rwoli u mhux persuni u ghalhekk kien ikun inutli li r-rapprezentant joggezzjona ghall-kaz specifiku li dwaru t-tilwima hija ppernjata.

Ghalhekk l-eccezzjoni mqajma mis-Socjeta` fl-istadju tas-smiegh li lahaq it-Tribunal kienet tentattiv ta' dilungar u obfuskazzjoni tal-procediment ghal risoluzzjoni tal-Kaz.

**Kunsiderazzjonijiet**

1. Ir-Rikorrenti fethet il-Kawza odjerna ghaliex qieset illi fil-konfront tal-iggradar ta' impjegat tas-Socjeta` Ntimata, is-Sur Mario Farrugia, is-Socjeta` kisret il-Ftehim Kollettiv.

2. Is-Sur Farrugia accetta minghajr riserva l-grad li nghata skond l-ezercizzju tal-*Job Evaluation*. Huwa qabel illi, "*The Bank has evaluated the job you are presently occupying of 'Head Bancassurance' to the SM grade. Since you have been occupying this job for over one year, you are being appointed to the job and promoted to the SM grade with effect from 1st June 2012."* Huwa ffirma, "*this letter to signify your agreement to its contents*."[1]

3. Tali accettazzjoni min-naha tas-Sur Farrugia saret qabel ma nfethet it-Tilwima.

4. Tenut kont tal-Kunsiderazzjonijiet 1, 2, u 3 t-Tribunal ghandu jistabilixxi jekk ir-Rikorrenti ghandhiex interess guridiku fil-Kawza odjerna.

[1] Dok. JC 1 ipprezentat fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2020

5. Fin-nuqqas ta’ provvedimenti fil-Ligi ta’ Malta dwar x’jikkostitwixxi nteress guridiku t-Tribunal irrefera ghall-gurisprudenza nostrana, fejn id-definizzjoni ta’ ‘interess guridiku’ ghandha gheruq sodi.

5.1. It-Tribunal innota r-referenzi ghall-gurisprudenza li s-Socjeta` ghamlet fir-Risposta Ulterjuri taghha u wkoll fela sentenzi ohra.

5.1.1. Fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Novembru 2015 (Rikors 593/2013) Farrugia et vs Farrugia il-Prim’Awla Qorti Civili spjegat illi l-interess guridiku, “irid ikun attwali (jezisti fil-mument illi tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta’ jekk u jibqa’ jezisti fil-kors kollu tal-kawza).”

5.1.2. Is-sentenza Edrichton Estates Ltd vs Munro Philipps & Company Ltd, referenza nru 878/2000/1, is-Sentenza moghtija nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Qorti Civili Prim’Awla, tghid illi l-interess guridiku “jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt.”

6. La s-Sur Farrugia accetta s-sitwazzjoni tieghu, u r-Rikorrenti ppernjat il-Kaz taghha fuq il-*grading* tas-Sur Farrugia l-element tal-attwalita` ntilef, u ntilef ftit anqas minn disa’ snin ilu, u cioe` erba’ snin u nofs qabel ma t-Tribunal gie nvolut fit-Tilwima.

7. Fit-trattazzjoni taghha bhala kontro-risposta ulterjuri r-Rikorrenti sostniet, “… illi (l-Unjon) trid dikjarazzjoni mit-Tribunal illi l-Ftehim Kollettiv ma giex applikat/inkiser mill-Bank. Dak huwa l-ghan principali tal-Kaz kollu.”[2]

U, wiehed mill-Avukati li assistew lir-Rikorrenti, Dott. Andrew Borg Cardona, waqt trattazzjoni, qal, “… jekk it-Tribunal ihoss illi ma ghandux jaghti rimedju ma jaghtihx. Jaghti dikjarazzjoni illi kien hemm ksur u mbaghad naghmlu kawza civili….”[3]

---

[2] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-4 ta’ Frar 2021
[3] Pagna 14 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2017

Fis-Sentenza taghha tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2020, Rik. Gur. 1227/2018 RGM Raymond Agius vs Adrian Attard Trevisan, il-Qorti qalet, "Il-ġurisprudenza lokali hija kostanti dwar meta huwa possibbli li titressaq azzjoni dikjaratorja. Fost dawn insibu l-kawża fl-ismijiet Improved Design Limited vs. Antoine Grima (Ċit. Nru 1637/1998/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Lulju 2007: 18 "Illi meta wieħed jitkellem dwar azzjoni dikjaratorja, tqum minnufih il-kwistjoni tal-interess li wieħed iressaqha. Huwa stabilit [Ara App. Ċiv. 3.3.1967 fil-kawża flismijiet Giuffrida pro et noe vs Borġ Olivier et (Kollez. Vol: LI.i.130, a fol. 170)] li m'humiex ammissibbli azzjonijiet merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss m'huwiex mitlub, imma lanqas jista' jintalab mill-Qorti. Dan il-prinċipju jintrabat mal-ħtieġa li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu interess li m'huwiex biss wieħed ġuridiku, imma wkoll wieħed attwali u dirett."

Kif muri f'5, u 6, l-interess attwali min-naha tar-Rikorrent ma jezistix u stante dan, it-Tribunal ma jistax jikkunsidra li jidhol fil-mertu dwar talba ghal tali dikjarazzjoni.

8. L-assenza tal-element baziku tal-attwalita` biex ikun kostitwit interess guridiku jaghmel it-trattazzjoni min-naha tat-Tribunal dwar l-elementi l-ohra inutli.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet illi jidhru fil-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal isib illi r-Rikorrenti, il-Malta Union of Bank Employees, ma ghandhiex interess attwali fl-ezitu ta' dit-Tilwima tax-Xoghol u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni kontenuta fir-Risposta Ulterjuri tas-Socjeta` Ntimata, il-Bank of Valletta plc, u jastjeni milli jikkunsidra ulterjorment it-talbiet tar-Rikorrenti. B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

| | | |
|---|---|---|
| **(iffirmat)** | **(iffirmat)** | **(iffirmat)** |
| Joseph Delia | Chris Attard | Antoinette Caruana |
| Chairman | Membru | Membru |